IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 2009

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5612)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/563/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord għat-Tikkettar Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, l-eko-tikketta Komunitarja tista' tingħata lil prodott li jkollu karatteristiċi li jippermettulu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib f'dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti ambjentali prinċipali.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li kriterji speċifiċi tal-eko-tikketta, imfassla abbażi tal-kriterji abbozzati mill-Bord għat-Tikkettar Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea, iridu jiġu stabbiliti skont il-gruppi ta' prodotti.

(3) Huwa jipprovdi wkoll li r-reviżjoni tal-kriterji tal-eko-tikketta, kif ukoll tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika marbutin ma' dawk il-kriterji, trid issehħ fi żmien xieraq qabel it-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-kriterji speċifikati għal kull grupp ta' prodotti kkonċernat.

(4) B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, twettqet reviżjoni f'waqtha tal-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika marbutin magħhom stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/231/KE tat-18 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi rriveduti sabiex tingħata l-eko-tikketta Komunitarja lix-xedd tar-riġel u li temenda d-Deċiżjoni 1999/179/KE [2]. Dawk il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika marbutin magħhom huma validi sal-31 ta' Marzu 2010.

(5) Fid-dawl ta' dik ir-reviżjoni, huwa xieraq li titbiddel id-definizzjoni tal-grupp ta' prodotti u li jiġu stabbiliti kriterji ekoloġiċi ġodda, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq.

(6) Hemm lok li l-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika marbutin magħhom, ikunu validi għal erba' snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Għalhekk hemm lok li d-Deċiżjoni 2002/231/KE tiġi sostitwita.

(8) Hemm lok li l-produtturi li l-prodotti tagħhom ingħataw l-eko-tikketta għax-xedd tas-saqajn abbażi tal-kriterji li jinsabu fid-Deċiżjoni 2002/231/KE, jingħataw perjodu tranżitorju biex ikollhom żmien biżżejjed biex jadattaw il-prodotti tagħhom biex ikunu konformi mal-kriterji u r-rekwiżiti riveduti. Hemm lok ukoll li l-produtturi jitħallew iressqu applikazzjonijiet magħmulin skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2002/231/KE jew skont il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni sakemm tiskadi l-validità ta' dik id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn" għandu jinkludi l-oġġetti kollha tal-ħwejjeġ iddisinjati sabiex jipproteġu jew jgħattu s-sieq, b'pett minn barra mwaħħal li jiġi f'kuntatt mal-art. Ix-xedd tas-saqajn ma għandu jkollu l-ebda komponent elettriku jew elettroniku.

[1] ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.
[2] ĠU L 77, 20.3.2002, p. 50.

Artikolu 2

Sabiex tingħata l-eko-tikketta Komunitarja lill-prodotti li jaqgħu fil-grupp ta' prodotti xedd tas-saqajn skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 (minn hawn 'il quddiem "l-eko-tikketta"), ix-xedd tas-saqajn għandu jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn", kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika marbutin magħhom, għandhom ikunu validi għal erba' snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Għall-finijiet amministrattivi n-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp tal-prodotti "xedd tas-saqajn" għandu jkun "017".

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 2002/231/KE hija mħassra.

Artikolu 6

1. L-applikazzjonijiet għall-eko-tikketta għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-grupp ta' prodotti xedd tas-saqajn imressqa qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu evalwati skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2002/231/KE.

2. 'l-applikazzjonijiet għall-eko-tikketta għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-grupp ta' prodotti kisi iebes imressqa mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010 jistgħu jkunu bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2002/231/KE jew fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

Dawk l-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji li fuqhom huma bbażati.

3. Meta l-eko-tikketta tingħata abbażi ta' applikazzjoni evalwata skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2002/231/KE, dik l-eko-tikketta tista' tintuża għal tnax-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

QAFAS

L-għanijiet tal-kriterji

Dawn il-kriterji għandhom l-għan partikolari li:

— jillimitaw il-livelli tar-residwi tossiċi,

— jillimitaw l-emissonijiet ta' komposti volatili organiċi, u

— jippromwovu prodott li jservi iktar.

Il-kriterji huma ffissati fl-livelli li jippromwovu l-ittikkettar tax-xedd tas-saqajn li jkollu impatt ambjentali iktar baxx.

Ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati f'kull kriterju.

Fejn xieraq, metodi ta' ttestjar minbarra dawk indikati għal kull kriterju jistgħu jintużaw jekk dawn huma aċċettati mill-korp kompetenti li jkun qed jivvaluta l-applikazzjoni bħala ekwivalenti.

L-unità funzjonali hija par żarbun. Ir-rekwiżiti huma bbażati fuq id-daqs taż-żarbun tal-punt 40 skont il-qies ta' Pariġi. Ir-rekwiżiti għaż-żraben tat-tfal japplikaw għad-daqs ta' 32 punt skont il-qies ta' Pariġi (jew l-ikbar daqs fil-każ ta' daqsijiet massimi iżgħar minn 32 punt skont il-qies ta' Pariġi).

Kwalunkwe komponent tal-wiċċ taż-żarbun b'piż ta' inqas minn 3 % tal-parti sħiħa tal-wiċċ ma għandhomx jitqiesu għall-applikazzjoni tal-kriterji. Kwalunkwe komponent tal-pett taż-żarbun b'piż ta' inqas minn 3 % tal-pett estern ma għandhomx jitqiesu għall-applikazzjoni tal-kriterji.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' evidenza u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

Il-korpi kompetenti huma rrakkomandati li jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' skemi amministrattivi ambjentali rikonoxxuti, bħall-EMAS jew l-ISO 14001, meta jivvalutaw applikazzjonijiet u jimmonitorjaw il-konformità mal-kriterji (*nota:* mhux meħtieġ li wieħed jimplimenta dawn it-tipi ta' skemi ta' ġestjoni).

KRITERJI

1. **Sustanzi perikoluži fil-prodott finali**

(a) Għal żraben magħmulin mill-ġilda m'għandux ikun hemm Kromju VI fil-prodott finali.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant u/jew il-formitur(i) tiegħu għandhom jipprovdu rapport tat-test magħmul bil-metodu EN ISO 17075 (limitu ta' rilevament ta' 3.ppm) Il-preparazzjoni tal-kampjun trid issegwi l-indikazzjonijiet tal-EN ISO 4044.

(*Nota*: diffikultajiet fil-kejl minħabba interferenzi li wieħed jista' jiltaqa' magħhom meta tiġi analizzata ċerta ġilda kkulurita)

(b) Ma għandux ikun hemm Arseniku, Kadmju u Ċomb fil-materjali użati fl-immuntar tal-prodott jew fil-prodott finali.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant u/jew il-formitur(i) għandhom jipprovdu rapport tat-test magħmul minn wieħed mill-metodi tat-testijiet tal-EN 14602 li ġejjin:

— ittestjar ta' materjali għall-immuntar tal-prodott. Is-sustanzi speċifikati fil-kriterju ma għandhomx jiġu identifikati fl-ebda wieħed mill-materjali użati fil-manifattura tal-prodott finali,

— ittestjar tal-prodott finali. Is-sustanzi speċifikati fil-kriterju ma għandhomx jiġu identifikati la fil-komponenti tan-naħa ta' fuq u lanqas f'dawk ta' isfel tax-xedd tas-saqajn wara s-separazzjoni u t-tħin kollu.

Għal prodotti tal-ġilda il-preparazzjoni tal-kampjun għandha ssegwi l-EN ISO.4044.

(c) L-ammont ta' formaldehyde hydrolysed u liberu tal-komponenti tax-xedd tas-saqajn ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

— tessuti: mhux identifikabbli,

— ġilda: 150 ppm.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant u/jew il-fornitur/i tiegħu għandhom jipprovdu rapport ta' test, magħmul bil-metodi tat-test li ġejjin: Tessuti: EN ISO 14184-1 (limitu ta' rilevament: 20 ppm); Ġilda: EN/ISO 17226-1 jew 2

2. **Tnaqqis fil-konsum tal-ilma (għall-ikkunzar tal-ġlud biss)**

Il-limiti li ġejjin għall-konsum tal-ilma għall-ikkunzar tal-ġlud ħoxnin u dawk irqaq ([1]) ma għandhomx jinqabżu.

— ġlud Ħoxnin: 35 m3/t,

— ġlud irqaq: 55 m^3/t.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant u/jew il-fornitur/i tiegħu għandhom jipprovdu dikjarazzjoni xierqa li l-limiti msemmija ma nqabżux.

3. **Emissjoniiet mill-produzzjoni ta' materjal**

(a) Jekk l-ilma mormi li joħroġ mis-siti tal-ikkunzar tal-ġilda u mill-industriji tat-tessuti jintrema direttament f'ilmijiet nodfa, il-kontenut tas-COD ma għandux jaqbeż 250 mg COD/l tal-ilma li mormi.

Fil-każ ta' ilma mormi li joħroġ mis-siti tal-ikkunzar tal-ġilda li jintrema f'impjant/faċilità muniċipali tat-trattament tal-ilma mormi, dan il-kriterju ma japplikax, sakemm jista' jintwera:

— li r-rimi tad-drenaġġ mis-siti tal-ikkunzar għall-impjant tad-drenaġġ muniċipali huwa awtorizzat u,

— li l-faċilità muniċipali tat-trattament tal-ilma mormi hija operattiva u li r-rimi eventwali tal-ilma trattat fis-sistema tal-ilma nadif hija konformi mar-rekwiżiti Komunitarji minimi skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE ([2]).

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test u dejta li tikkumplimentah, magħmul bil-metodu tat-test li ġej: COD: ISO 6060 – Kwalità tal-ilma, determinazzjoni tad-domanda tal-ossiġnu kimiku.

Meta l-ilma mormi jintrema fil-faċilità muniċipali għat-trattament tal-ilma mormi, trid tkun ipprovduta dikjarazzjoni mill-awtorità relevanti li turi li r-rimi huwa awtorizzat u li l-impjant huwa operattiv u li jissodisfa r-rekwiżiti minimi tad-Direttiva 91/271/KEE.

(b) L-ilma tal-iskart tal-konzerija wara t-trattament għandu jkun fih inqas minn 1 mg ta' Kromju (III)/l.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test u dejta li tikkumplimentah, magħmul bil-metodu tat-test li ġej: ISO 9174 jew EN 1233 or EN ISO 11885 għas-Cr.

4. **Użu ta' sustanzi perikoluži (sa meta jinxtraw)**

(a) Pentachlorophenol (PCP) u Tetrachlorophenol (TCP) u l-imluħ u l-esteri tiegħu ma għandhomx jintużaw.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant u/jew il-fornitur/i tiegħu għandhom jipprovdu dikjarazzjoni illi l-materjali ma fihomx dawn il-chlorophenols flimkien ma' rapport tat-test li sar bil-metodi tat-testijiet li ġejjin: Ġilda, EN ISO 17070 (limitu ta' rilevament 0,1 ppm); Tessuti XP G 08-015 (limitu ta' rilevament 0,05 ppm)

(b) Ebda kuluri ażo ma għandhom jintużaw li jistgħu jaqbdu ma' kwalunkwe ammini aromatiċi li ġejjin:

4-aminodiphenyl	(92-67-1)
benzidine	(92-87-5)
4-chloro-o-toluidine	(95-69-2)
2-naphthylamine	(91-59-8)
o-amino-azotoluene	(97-56-3)
2-amino-4-nitrotoluene	(99-55-8)
p-chloroaniline	(106-47-8)
2,4- diaminoanisol	(615-05-4)
4,4'-diaminodiphenylmethane	(101-77-9)
3,3'-dichlorobenzidine	(91-94-1)

([1]) Il-Ġlud ħoxnin huma dawk definiti bħala "il-kisja esterna ta' annimal adult ta' xorta ikbar, pereżempju bhejjem tal-ifrat, żwiemel, iġmla, iljunfanti, eċċ…" Il-ġlud irqaq huma dawk definiti bħala "il-kisja esterna ta' annimal ta' xorta iżgħar, pereżempju nagħaġ u mogħoż, jew il-bhejjem żgħar ta' speċi ikbar, pereżempju tal-għoġġiela. Ħnieżer, rettili, għasafar u ħut huma inklużi taħt ġlud irqaq" (Glossarju Internazzjonali ta' Termini dwar il-Ġilda, ICT)

([2]) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

3,3'-dimethoxybenzidine	(119-90-4)
3,3'-dimethylbenzidine	(119-93-7)
3,3'-dimethyl-4,4_-diaminodiphenylmethane	(838-88-0)
p-cresidine	(120-71-8)
4,4'-methylene-bis-(2-chloraniline)	(101-14-4)
4,4'-oxydianiline	(101-80-4)
4,4'-thiodianiline	(139-65-1)
o-toluidine	(95-53-4)
2,4-diaminotoluene	(95-80-7)
2,4,5-trimethylaniline	(137-17-7)
4-aminoazobenzene	(60-09-3)
o-anisidine	(90-04-0)

Valutazzjoni u verifika: l-applikant u/jew il-fornitur/i tiegħu għandhom jipprovdu dikjarazzjoni illi ma ntużawx dawn il-kuluri ażo. Jekk titwettaq verifika ta' din id-dikjarazzjoni, għandhom jintużaw il-metodi tat-testijiet li ġejjin: Ġilda – CEN ISO TS 17234; Tessuti – EN 14362 1 jew 2.

Tessuti: limitu ta' 30 ppm. (nota: huwa possibbli li jkun hemm riżultati pożittivi foloz għall-4-aminoazobenzene u għalhekk hija rrakkommandata l-konferma);

Ġilda: limitu ta' 30 ppm. (nota: huma possibbli pożittivi foloz għall-4-aminoazobenzene, 4-aminodiphenyl and 2-naphthylamine għalhekk hija rrakkommandata l-konferma).

(c) In-N-Nitrosamines li ġejjin ma għandhomx jiġu rilevati fil-lastiku:

N-nitrosodimethylamine (NDMA)

N-nitrosodiethylamine (NDEA)

N-nitrosodipropylamine (NDPA)

N-nitrosodibutylamine (NDBA)

N-nitrosopiperidine (NPIP)

N-nitrosopyrrolidine (NPYR)

N-nitrosomorpholine (NMOR)

N-nitroso N-methyl N-phenylamine (NMPhA)

N-nitroso N-ethyl N-phenylamine (NEPhA)

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovvdi rapport ta' test, magħmul bil-metodu tat-test li ġej: L-EN 12868 (1999 -12) jewEN 14602.

(d) Il-chloralkanes C10-C13 ma għandhomx jintużaw fil-komponenti tal-ġilda, tal-lastiku jew tat-tessuti.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant u/jew il-fornitur/i tiegħu għandhom jipprovdu dikjarazzjoni illi ma ntużawx dawn il-chloralkanes.

(e) L-ebda kulur li jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku, mutaġeniku tossiku għar-riproduzzjoni, perikoluż għall-ambjent bil-frażijiet-R li ġejjin: R40, R45, R49, R50, R51, R52, R53, R60, R61, R62, R63 jew R68 (jew kwalunkwe kombinazzjoni), ma għandu jintuża. (Regoli ta' klassifikazzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [1] jew id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

[1] ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.

Inkella, il-klassifikazzjoni tista' titqies skont Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. F'dan il-każ l-ebda sustanza jew preparazzjoni ma tista' tiżdied mal-materja prima li hija assenjata jew li tista' tiġi assenjata waqt l-applikazzjoni, b' dawn id-dikjarazzjonijiet ta' riskju li ġejjin (jew xi kombinazzjonijiet tagħhom): H351, H350, H350i, H400, H410, H411, H412, H413, H360F, H360D, H361f, H361d, H360FD, H361fd, H360Fd, H360Df, H341.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' użu ta' dawn il-kuluri.

(f) L-Alkylphenol ethoxylate (APE), u il-Perfluorooctane sulfonate (PFOS) ma għandhomx jintużaw.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' użu ta' dawn il-kuluri.

(g) Ma għandhomx jintużaw kuluri li jissodisfaw il-kriterji bħala sensitizzanti għall-ġilda (R43). (Regoli ta' klassifikazzjoni skont id-Direttiva 67/548/KEE jew id-Direttiva 1999/45/KE).

Inkella, il-klassifikazzjoni tista' titqies skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. F'dan il-każ l-ebda sustanza jew preparazzjoni ma tista' tiżdied mal-materja prima li hija assenjata jew li tista' tiġi assenjata waqt l-applikazzjoni, b' din id-dikjarazzjoni ta' riskju li ġejja: H317.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' użu ta' dawn il-kuluri.

(h) Il-ftalati (phthalates) Dawk biss li waqt li jkunu qed jiġu applikati, jkunu ġew ivvalutati għar-riskju u ma jkunux ġew ikklassifikati bil-frażijiet (jew kombinazzjonijiet tagħhom): R60, R61, R62, R50, R51, R52, R53, R50/53, R51/53, u R52/53, skont id-Direttiva 67/548/KEE, jistgħu jintużaw fil-prodott (jekk applikabbli). Barra minn hekk, id-DNOP (di-n-octyl phthalate), id-DINP (di-isononyl phthalate), u d-DIDP (di-isodecyl phthalate) mhumiex permessi fil-prodott.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju.

(i) Bijoċidi: Huma biss il-prodotti bijoċidali li fihom sustanzi bijoċidali attivi li huma inklużi fl-Anness IA tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u awtorizzati għall-użu fix-xedd tas-saqajn, li għandhom ikunu awtorizzati li jintużaw.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li r-rekwiżiti għal dan il-kriterju ġew issodisfati flimkien ma' lista tal-prodotti bijoċidali użati.

5. **Użu tal-komposti organiċi volatili (VOCS) waqt it-tgħaqqid finali taż-żraben**

Il-VOCs huma kull kompost organiku li jkollu f'293,15 K pressa tal-fwar ta' 0.01 kPa jew iżjed, jew li jkollu volatilità korrispondenti taħt il-kondizzonijiet partikolari tal-użu.

L-użu totali tal-VOCs matul il-produzzjoni finali tax-xedd tas-saqajn, ma għandux jaqbeż bħala medja l-20 gramma VOC/par.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi kalkolu tal-użu totali tal-VOCs matul il-produzzjoni finali taż-żarbun, flimkien mad-dejta ta' appoġġ, riżultati tat-testijiet u dokumentazzjoni kif xieraq, bil-kalkolu magħmul bl-użu tas-EN TC 14602. (Ir-reġistrazzjoni tal-ġilda mixtrija, kolla, irfinituri u tal-produzzjoni tax-xedd tas-saqajn matul mill-inqas l-aħħar sitt xhur hija meħtieġa.)

6. **Konsum tal-Enerġija**

Il-konsum tal-enerġija fl-istadju tal-manifattura għandu jiġi ddikjarat.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant huwa mitlub li jipprovdi informazzjoni relevanti skont l-Appendiċi tekniku A1.

7. **Imballaġġ tal-prodott finali**

Meta jintużaw kaxxi tal-kartun għall-imballaġġ finali tax-xedd tas-saqajn, dawn għandhom ikunu magħmula 100 % minn materjal riċiklat. Fejn jintużaw boroż tal-plastik għall-imballaġġ finali tax-xedd tas-saqajn, dawn għandhom ikunu magħmula minn materjal riċiklat ta' mill-inqas 75 % jew għandhom ikunu ta' materjal bijodegradabbli jew materjal organiku skont id-definizzjonijiet provduti bil-EN 13432 [3].

[1] ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.
[2] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[3] EN 13432 "Rekwiżiti għall-imballaġġ irkuprabbli permezz ta' proċess biex isir il-kompost u l-bijodegradazzjoni - u l-evalwazzjoni tal-kriterji għall-aċċettazzjoni finali tal-imballaġġ".

Valutazzjoni u verifika: kampjun tal-imballaġġ tal-prodott għandu jkun ippreżentat mal-applikazzjoni, flimkien mad-dikjarazzjoni korrispondenti ta' konformità ma' dan il-kriterju. Huwa biss l-imballaġġ primarju, kif definit fid-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li huwa soġġett għall-kriterju.

8. **Informazzjoni dwar l-imballaġġ**

(a) Struzzjonijiet għall-utent

It-tagħrif li ġej (jew test ekwivalenti) għandu jiġi fornit mal-prodott:

"Dan il-par żarbun ġie ttrattat sabiex tittejjeb ir-reżistenza tiegħu għall-ilma. Ma jeħtieġx trattament ulterjuri." (Dan il-kriterju huwa applikabbli biss għax-xedd tas-saqajn li ġie ttratat għar-reżiztenza kontra l-ilma)

"Meta possibbli sewwi x-xedd tas-saqajn tiegħek minflok tarmih. Dan jagħmel inqas ħsara lill-ambjent."

"Meta tiddisponi mix-xedd tas-saqajn, jekk jogħġbok uża l-faċilitajiet lokali tar-riċiklaġġ meta dawn ikunu disponibbli."

(b) Informazzjoni dwar l-eko-tikketta

It-test li ġej (jew test ekwivalenti) għandu jidher fuq l-imballaġġ:

"Għal iktar informazzjoni idħol fil-websajt tal-eko-tikketta Komunitarja: http://www.ecolabel.eu"

(c) Informazzjoni lill-konsumaturi

Kaxxa informattiva li fiha l-applikant jispjega l-approċċ tiegħu lejn is-sostenibbiltà ambjentali għandha titqiegħed fuq l-imballaġġ.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jagħti kampjun tal-imballaġġ tal-prodott u tal-informazzjoni fornita mal-prodott, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' kull parti ta' dan il-kriterju.

9. **Informazzjoni li tidher fuq l-eko-tikketta**

Il-Kaxxa 2 tal-eko-tikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

— tniġġis baxx tal-arja u l-ilma,

— sustanzi ta' ħsara mnaqqsa.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi kampjun tal-imballaġġ tal-prodotti juri t-tikketta, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

10. **Parametri li jikkontribwixxu għal kemm idum iservi**

Ix-xedd tas-saqajn professjonali u tas-sikurezza għandu jġorr il-marka KE (skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE ([2]).

Ix-xedd tas-saqajn l-oħra kollha għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti fit-tabella ta' hawn taħt.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test li jikkorrispondi mal-parametri indikati fit-tabella ta' hawn taħt, billi jintużaw il-metodi tat-test:

— EN 13512 - Reżistenza tal-Wiċċ għal-Liwi,

— EN 13571 – Is-Saħħa tal-Wiċċ kontra t-Tqattigħ,

— EN 17707 - Reżistenza tal-Pett tan-naħa ta' barra għal-Liwi,

— EN 12770 - Reżistenza tal-Pett fuq in-Naħa ta' Barra għall-Brix,

— EN 17708 – Pett sħiħ – Twaħħil tal-pett,

— EN 12771 – Is-saħħa tal-Pett fuq in-Naħa ta' Barra kontra t-Tqattigħ,

— EN ISO 17700 – Metodi tal-ittestjar tal-uċuh, inforror u fil-kalzetti, - iż-żamma tal-kulur fil-każ tal-għorik.

([1]) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10. Artikolu 3(1)(a): "imballaġġ għall-bejgħ jew imballaġġ primarju, jiġifieri l-imballaġġ maħsub sabiex jikkostitwixxi unità ta' bejgħ lill-utent jew lill-konsumatur finali fil-post fejn jinxtara".

([2]) ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18.

	Sport ġenerali	Xedd tas-saqajn tal-iskola	Mhux formali	Tal-irġiel formali	Xedd tas-saqajn għal temp kiesaħ	Tan-nisa formali	Tal-moda	Tat-tfal	Ta' ġewwa
Wiċċ reżistenti għal-liwi: (kc mingħajr ħsara li tidher)	Xott = 100 Imxarrab = 20	Xott = 100 Imxarrab = 20	Xott = 80 Imxarrab = 20	Xott = 80 Imxarrab = 20	Xott = 100 Imxarrab = 20 – 20° = 30	Xott = 50 Imxarrab = 10	Xott = 15	Xott = 15	Xott = 15
Saħħa tal-wiċċ kontra t-tqattigħ: (Forza medja tat-tqattigħ, N)									
Ġilda	≥ 80	≥ 60	≥ 60	≥ 60	≥ 60	≥ 40	≥ 30	≥ 30	≥ 30
Materjali oħra	≥ 40	≥ 40	≥ 40	≥ 40	≥ 40	≥ 40	≥ 30	≥ 30	≥ 30
Reżistenza tal-pett ta' barra għal-liwi:									
Tkabbir tal-qatgħa(mm)	≤ 4	≤ 4	≤ 4	≤ 4	≤ 4	≤ 4			
Nsc = mingħajr xquq spontanji	Nsc	Nsc	Nsc	Nsc	Nsc f' – 10 °C	Nsc			
Reżistenza tal-pett ta' barra għall-brix:									
D ≥ 0,9 g/cm^3 (mm^3)	≤ 200	≤ 200	≤ 250	≤ 350	≤ 200	≤ 400			≤ 450
D ≥ 0,9 g/cm^3 (mg)	≤ 150	≤ 150	≤ 170	≤ 200	≤ 150	≤ 250			≤ 300
It-twaħħil tal-pett mal-wiċċ: (N/mm)	≥ 4,0	≥ 4,0	≥ 3,0	≥ 3,5	≥ 3,5	≥ 3,0	≥ 2,5	≥ 3,0	≥ 2,5
Saħħa tal-pett ta' barra kontra t-tqattigħ: (Saħħa medja N/mm)									
D ≥ 0,9 g/cm^3	8	8	8	6	8	6	5	6	5
D ≥ 0,9 g/cm^3	6	6	6	4	6	4	4	5	4
Iż-żamma tal-kulur fuq in-naħa ta' ġewwa tax-xedd tas-saqajn (l-inforra jew i-kisi tal-wiċċ fuq ġewwa) Skala tal-griż tal-pannu wara 50 ċiklu ta' tixrib	≥ 2/3	≥ 2/3	≥ 2/3	≥ 2/3	≥ 2/3	≥ 2/3		≥ 2/3	≥ 2/3

Appendiċi tekniku

A1. **Kalkolu tal-konsum tal-enerġija**

Il-kalkolu tal-konsum tal-enerġija jirreferi biss għat-tgħaqqid (stadju tal-manifattura) tal-prodott finali.

Il-medja tal-konsum tal-elettriku (AEC) għal kull par żarbun tista' tiġi kkalkulata b'żewġ modi:

Abbazi tal-produzzjoni taż-żrabenglobali ta' kuljum tal-impjant.

— MJ_{dp} = enerġija medja użata fil-produzzjoni taż-żraben kuljum [elettriku + fjuwils fossili] (kkalkulata abbażi l-medja annwali);

— N = numru tal-medja ta' pari żraben prodotti kuljum (ikkalkulat fuq bażi annwali).

$$AEC = \frac{MJ_{dp}}{N}$$

Abbazi tal-produzzjoni taż-żraben li għandhom l-eko-tikketta tal-impjant.

— MJ_{ep} = enerġija medja użata fil-produzzjoni taż-żraben bl-eko-tikketta kuljum [elettriku + fjuwils fossili] (ikkalkulata fuq bażi annwali);

— N_{ep} = numru medju ta' pari taż-żraben bl-eko-tikketta prodotti kuljum (ikkalkulat fuq bażi annwali).

$$AEC = \frac{MJ_{ep}}{N_{ep}}$$